**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2016

**Talba numru 72/2014AM3**

**Numru fuq il-Lista: 49**

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Mekanika Limited sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Mekanika Limited, Triq l-Imsida,**

**Gzira GZR 1405**

**Vs**

1. **Bonnici Bros Limited, Bonnici House, Triq is-Sardin, Burmarrad,**

   **San Pawl il-Bahar**

2. **Kunsill Lokali Marsaskala, 228, Triq is-Salini, Marsaskala**

3. **Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, Roads and Infrastructure Directorate, Triq Agius de Soldanis, Santa Venera**

**It-Tribunal**

Ra t-talba tas-Socjeta' attrici prezentata fil-31 ta' Jannar, 2014 li permezz taghha qed titlob il-hlas ta' disa' mija u hames ewro u tmienja u sittin centezmu (€905.68c) rapprezentanti danni sofferti minnha in segwitu ta' incident li sehh fis-16 ta' April, 2010 fi Triq Sant Antnin, Marsaskala meta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBQ-921 (liema korrezzjoni giet awtorizzata a fol 27) misjuqa minn Clint Borg u proprjeta' tal-assikurata tas-Socjeta` attrici waqghet go hofra/sprall miftuh jew imkisser li thalla fuq wicc it-triq in kwistjoni minghajr dawl jew senjalagg adekwat u dan unikament b'tort, b'negligenza u bi traskuragni tal-intimati jew min minnhom; l-ammont mitlub jinkludi l-ammont ta' hamsa u hamsin ewro (€55.00) li thallsu bhala excess mill-assikurata tas-Socjeta` attrici li kienet assikurata taht polza "comprehensive."

Ra r-risposta tal-Awtorita' konvenuta a fol 6 et li permezz taghha hija eccepiet li hija mhix il-legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; li sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijet u l-pretensjonijiet kollha tal-atturi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez; li inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' intimata ma ghandha tbati ebda spejjez peress li diga infurmat lir-rikorrenti dwar l-pozizzjoni taghha u dana permess tal-ittra responsiva datata d-09 ta' Awwissu, 2010 u l-ittra ufficjali responsiva datata l-14 ta' Awwissu, 2010 li qed jigu annessi u mmarkati Dok TM1 u TM2 rispettivament; salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ra r-risposta tal-konvenuti s-Socjeta' Bonnici Brothers Limited a fol 13 et li permezz taghha eccepiet li l-indicent tat-traffiku 'de quo' ma kienx imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da parti tas-Socjeta` konvenuta Bonnici Bros Limited jew tal-impjegati taghha. Jispetta ghalhekk lill-atturi li jgibu l-prova tal-htija tas-Socjeta' konvenuta Bonnici Bros Limited jew tal-impjegati taghha ghall-imsemmi incident liema prova tinkombi lilhom skont il-ligi; li s-Socjeta' konvenuta Bonnici Bros Limited ghandha ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; li fi kwalsiasi kaz, l-atturi jehtigilhom jipprovaw id-danni minnhom allegati stante li l-istess huma kontestati. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li l-Kunsill Lokali konvenut baqa' kontumaci.

Ra x-xhieda ta' Clint Borg a fol 21 et Project Manager mas-Socjeta Mekanika Limited li dak iz-zmien tal-incident kien jokkupa l-kariga ta' electrical technician. Kien fuq xoghol Marsaskala bil-vettura CBQ 921 u kif hiereg minn side street sema' hoss qawwi daqs li kieku spara tyre. Xehed li t-triq ma kienetx moghtija bi-tarmac u kien hemm biss xi ramel. Kien hemm fetha ghal manhole cioe` cirku tal-metal li wiehed ipoggi sabiex jindika l-perimetru ta' din il-manhole, li kienet mikxufa u l-ghatu taghha li kien tal-cast iron u li ma ra ebda ghotjien tal-cast iron li seta' ghalaq din l-bokka tal-manhole f'din it-triq. Xehed li ma kien hemm ebda senjaletika li tindika li kienu qed isiru xi xogholijiet pero` ma eskludiex li seta' kien hemm xi senjaletika fi triq minn fejn kien gej. Cempel kollega tieghu biex iwasslu ghall-eqreb petrol station biex jiehu t-tyre li kien bil-hsara biex isewwieh. Hekk ghamel u mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Huwa nnota li minbarra t-tyre li kien imcarrat kellu wkoll daqa fil-mudguard u f'parti mill-bieba peress li meta ghadda minn fuq dik l-istruttura tal-hadid din iccaqalet u laqtet l-istess vettura.

In kontro-ezami huwa xehed li kien ipparkjat fejn l-HSBC fuq n-naha l-ohra tat-triq minn fejn hemm il-Bank. Din hija side street li taghti ghall-istess triq principali. Jammetti li meta mar l-HSBC biex jaghmel x-xoghol li kellu jaghmel kien ra li kienu qed isiru xogholijiet kemm ta' kostruzzjoni fit-triq u kif ukoll kien hemm persuni tal-Enemalta peress li kellu jinbidel l-layout ta' xi wiring. Xehed li ftit minuti biss lahqu ghaddew minn meta rikeb fil-karozza u hareg fil-parking space sakemm sema' l-hoss. Kemm telaq il-karozza free u bdiet miexja. L-incident sehh filghodu u li ma kien hemm xejn li ostakola l-vizwali tieghu u li l-manhole cover ma rahx qabel ma sar l-incident.

Ra x-xhieda ta' Tarcisio Mercieca a fol 26 et freelance motor surveyor li kien inkarigat mis-Socjeta' attrici sabiex ihejji survey report in konnessjoni mal-vettura in kwistjoni u pprezenta kopja tas-survey report fol 28 u fol 29 huwa pprezenta kopja tal-ircevuti tat-tiswijiet li saru fuq rakkomandazzjoni li ghamel fl-istess survery pero' l-4 wheel alignment li kien issugerixxa li jsir, li ma hux inkluz fl-ispejjez kif ukoll, peress li d-daqqa kienet fuq il-genb tal-vettura u dan kien van tax-xoghol u kien hemm l-isticker tal-logo tal-kumpanija ma hemmx inkluz ukoll l-ispiza relattiva ghal tali tibdil jekk ikun l-kaz jew

jekk kien hemm il-htiega li dan jinbidel. Huwa pprovda din l-ispiza tal-logo fir-rapport tieghu.

Ra x-xhieda ta' PS 1576 Simon Grech a fol 32 li pprezenta r-rapport tal-incident li jinsab a fol 34 et.

Ra x-xhieda ta' Max Borg Bonello a fol 39 et Deputy Manager mas-Socjeta' attrici li kkonferma li l-vettura CBQ 921 hija inxurjatha maghhom u li huma hallsu s-somma ta' disa' mija u hames ewro u tmienja u sittin centezmu (€905.68c) tal-hsarat li garbet l-istess vettura. Ir-rendikont ta' dan l-ammont huwa sebgha u ghoxrin ewro u disgha u erbghin centezmu (€27.49c) s-survey report; six ewro u disgha u disghin centezmu (€6.99c) rapport tal-Pulizija; tmien mija u wiehed u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€871.20c) ir-riparazzjonijiet li saru fuq l-istess vettura u l-hamsa u hamsin ewro (€55) l-excess li hallas il-klijent. Xehed li kienu l-Awtorita' konvenuta u l-Kunsill Lokali ta' Marsascala li infurmawhom li kienu huma involuti f'dan l-progett u li x-xogholijiet kienu qed isiru mis-Socjeta' konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha esebiti mis-Socjeta` attrici a fol 42 et.

Ra a fol 81 et ix-xhieda ta' Nicholas Baldacchino mill-Awtorita` konvenuta li kkonferma li dak inhar tal-incident kien qed isiru xi xogholijiet fi Triq Sant Antnin, Marsascala u li l-permess kien ghal perjodu bejn l-20 ta' Marzu, 2009 u t-30 ta' Marzu, 2010. L-incident sehh fis-16 ta' April, 2010. Jikkonferma li x-xogholijiet gew ordnati minnhom u li gew imwetqa mill-kuntrattur Bonnici Brothers pero' ma setax jghid jekk il-kuntratt tax-xogholijiet sarx minnhom jew inkellha mid-Dipartiment tal-Kuntratti ghan-nom tal-Awtorita'. Lanqas seta' jghid kienx hemm estensjoni ta' din id-data. Huwa pprezenta l-permess tax-xogholijiet fol 53 et u li minnu jirrizulta li l-kuntrattur kien marbut b'diversi kondizzjonijiet fosthom dwar is-senjaletika li kellhom jahsbu ghaliha huma. Baldacchino kompla jixhed a fol 85 et u pprezenta kopja tal-kuntratt tax-xogholijiet (fol 87 et).

Ra l-verbal ta' dan it-Tribunal li permezz tieghu ddikjara l-provi tas-Socjeta' Bonnici Brothers maghluqa wara li din is-Socjeta' kienet ilha mill-01 ta' Lulju, 2015 biex taghmel dan.

Ra li l-partijiet l-ohra kienet iddikjaraw li ghalqu l-provi taghhom u prezentaw n-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Ikkunsidra,

Ra l-Kapitoli prezentati fil-konfront ta' Bonnici Brothers Limited u tal-Kunsill Lokali Marsaskala a fol 12, u li fil-konfront tas-Socjeta` Bonnici Brothers Limited ma jistax jigi approvat stante li t-talbiet tas-Socjeta' attrici huma kontestati mill-istess Socjeta' Bonnici Brothers Limited.

Din hija kawza fejn l-Awtorita` konvenuta qed tikkontendi li huwa l-kuntrattur cioe` Bonnici Brothers Limited ghadu jaghmel tajjeb ghad-danni stante li skont il-kuntratt tal-appell li kellu mal-istess Awtorita' huwa kien obbligat li jiehu hsieb jaghmel is-senjaletika u tikkwota partikolarment paragrafu 20 tal-obbligazzjonijiet tieghu li jikkonfermaw dan.

Is-Socjeta' attrici mill-banda l-ohra tikkontendi li huwa l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala li baqa' kontumaci li ghandu r-responsabilita' stante li l-Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta fl-Artikolu 33(1) jistipula li l-Kunsill jipprovdi biex tinzamm fi stat tajjeb u ghall-manutenzjoni ta' jew titjib fi kull triq jew moghdija li ma tkunx proprjeta' privata; li l-Awtorita` hija responsabbli stante li kienet hija li qabdet lil kuntrattur biex jaghmel ix-xogholijet u kellha tassikura li jiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji u possibbli sabiex jassikura li l-proprjeta` tieghu cioe` triq pubblika tkun safe ghal min juzaha.

Dan huwa kaz ta' incident li sehh fis-16 t' April, 2010 meta impjegat ta' Mekanika Limited certu Clint Borg kellu xoghol fil-fergha tal-HSBC f' Wied il-Ghajn u meta lesta mix-xoghol ghal habta tan-nofs siegha (12.30pm) ta' wara nofsinhar u gie biex johrog minn fejn kienet ipparkjata l-vettura gewwa Triq Sant Antnin, Marsascala, li kien qed isuq CBQ 921 waqghet go hofra/sprall miftuh li thalla fuq wicc it-triq u l-vettura sofriet

danni li jammontaw ghal disa' mija u hames ewro u tmienja u sittin centezmu (€905.68c).

Mill-provi jirrizulta wkoll li l-permess tal-Awtorita` kien skada fl-ahhar ta' Marzu, 2010 u li l-Awtorita` ma ghamlet xejn biex tiehu hsieb li ggedded dan il-permess tenut kont li dan l-appalt kien moghti mill-istess Awtorita` ghalkemm mahrug mid-Direttur tal-Kuntratti kif isir dejjem f'kuntratti ta' certu portata.

Bhala konsiderazzjonijiet legali dwar danni t-Tribunal jaghmel referenza ghas-segwenti:

Skond l-Art 1031 tal-Kodici Civili *"Kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu" u allura kif ritenut gar ma jistax jehles mir-responsabilita li jnehhi l-kawza ta' hsarat fil-fond tiegh anke jekk ghal tali hsarat jkun qed jikkontribwixxi l-fatt ta' haddiehor*. (**Gatt Henry vs Camilleri Charles Prim'Awla per Sciberras 28/1/04)**

Art 1032 tal-istess, jistipula: *Jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza d-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

Gie ritenut li biex iwaqqa l-presunzjoni tal-htija l-konvenut ghandu jipprova l-konkors ta' zewg cirkostanzi:

a) L-accident jew il-fortuwitu bhala kawza ta' hsara; u

b) In-nuqqas ta' htija da parti tieghu bhala kawza medjata u mmedjata tal-hsara. (app inf per Sciberras 23/6/04 Vella Giovanni et vs Cilia Michael sentenza parzjali).

Huwa principju pacifikament ricevut f'materja ta' danni li "biex ikun hemm lok ghar-responsabilita' tad-danni hemm bzonn li min jitlobhom jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza imma li dak l-att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferit (**kollez XXX Vol. pIII p 142)**

Jinhtieg li jigi pruvat li l-konvenut kolpozament u negligentement ma hax il-prekawzjonijiet ta' 'bonus paterfamilias' mistennija minnu biex jassigura li ma jigux kawzati d-danni li effettivament graw fil-fondi vicini. L-Artikolu 1132 tal-Kap 12 jigbor fih dan il-punt tad-dritt u hija disposizzjoni ewlenija fil-kamp tal-obbligazzjonijiet in kwantu tiddetermina l-mizura tal-kondotta tad-debitur tal-obbligazjoni fl-ezekuzzjoni tal-prestazzjonijiet tieghu tenut rigward tan-natura tar-rapport partikolari u tac-cirkostanzi ta' fatt li jikkonkorru biex jiddeterminawh.

Jinsab sostenur "che in diritto la diligenza da essere usata nell-adempimento di una obbligazione e la colpa dalla quale il debitore deve rispondere sono due concetti che si corrispondono, e si compenetrano nel senso che finche' uno ha usato la diligenza che doveva usare non e' in colpa, e quando e' in colpa lo si e' appunto per non avere usata la debita diligenza" (ara **Magro vs Agius** Appell Civili 20 ta' Frar 1920).

Illi ghalhekk ghas-success tal-azzjoni attrici jrid jirrizulta l-lezzjoni tad-dritt tat-terz u li dan ikun f'rapport kawzali dirett mal-att jew fatt tas-Socjeta' konvenuta (ara Korporazzjoni **Enemalta vs Vella Group Limited** – Qorti tal-Appell Inferjuri - 08 ta' Gunju, 2006 u **Korporazzjoni Enemalta vs Vassallo et** – Qorti tal-Appell Inferjuri – 17 ta Ottubru 2008).

Ma hemmx dubju li hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentement x'jikkonsilja jew ma jikkonsiljax l-Awtorita'. Intqal kemm-il darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt huwa responsabbli ghan-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina. Issa f'dan il-kaz jirrizulta l-isprall jew hofra mikxufa kif jirruzlta wkoll li l-Awtorita' ma tat ebda ordni biex ix-xogholijiet jieqfu galadarba l-permess taghha kien skada jew se mai li jigi estiz.

Mill-provi jirrizulta li l-Awtorita' konvenuta tat il-permess biex isiru x-xogholijiet fi triq fejn sehh l-incident ghal perjodu mill-20 ta' Marzu, 2009 sat-30 ta' Marzu, 2010 (fol 53) li tali permess ma jirrizultax li gie estiz u li l-incident sehh fis-16 ta' April, 2010. Li x-xogholijiet gew ordnati mill-Awtorita' konvenuta u lill-kuntrattur f'dan il-kaz is-Socjeta'

konvenuta Bonnici Brothers Limited kellha diversi obbligi fosthom dawk li taghmel is-sinjali necessarji u li ma thallix toqob jew spralli miftuha u li ma ghamlet xejn biex tipprova li l-akkadut ma sarx bi htija taghha.

It-Tribunal iqis li fic-cirkostanzi l-konvenuti, l-Awtorita' u s-Socjeta' Bonnici Brothers Limited huma t-tnejn responsabbli ghal dak li gara u cioe` ghad-danni sofferti mill-atturi pero` fi kwoti differenti. Isostni li l-intimat Bonnici Brothers Limited ghandha tinzamm responsabbli ghal tlett kwarti tad-danni sofferti filwaqt li l-Awtorita` ghandha tinzamm responsabbli ghar-rimanenti kwart stante li hija ppermettiet li tali xoghol jitkompla minghajr ma estendiet il-permess lil Bonnici Brothers Limited jew meta kienet taf li l-istess Socjeta' kienet qed taghmel ix-xogholijiet b'permess skadut jew ahjar minghajr permess.

Fl-ahhar ness qabel ma jghaddi ghad-decizjoni finali, it-Tribunal ma jistax ma jinnutax li l-Kunsill Lokali Mqabba ghalkemm debitament notifikat qatt ma dehru fil-proceduri odjerni u qatt ma resqu ebda eccezzjonijiet. Jirrizulta wkoll li a fol 12 gew prezentati fil-konfront tal-istess Kunsill kapitoli a tenur tal-artikolu 698 tal-kap 12 u hadd ma deher fis-seduta sussegwenti tad-09 ta' April, 2014.

Pero` jirrizulta minn fol 48 prezentat mis-Socjeta' attrici stess li l-Kunsill informaha li t-triq fejn sehh l-incident hija wahda arterjali u ma taqax taht ir-responsabilita' tal-Kunsill lokali, liema affermazzjoni ma giet kontradetta minn hadd.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal filwaqt li jifhem li sar kapitoli fil-konfront tal-Kunsill Lokali Mqabba jhoss li jkun opportuni li a tenur tal-Artikolu 700(2) tal-Kap 12 ma tapprovax tali kapitoli u ghalhekk qed ihallas il-kapitolu prezentat fil-konfront tal-Kunsill Imqabba tas-07 ta' Marzu, 2013.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici u tikkundanna lill-Awtorita' konvenuta u lis-Socjeta' Bonnici Brothers Limited ihallsu s-somma ta' disa' mija u hames ewro u tmienja u sittin centezmu (€905.68c) lis-Socjeta' attrici u dan fi kwota ta' tlett kwarti mis-Socjeta' konvenuta Bonnici Brothers Limited u kwart mill-konvenuta Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.

L-ispejjez tal-kawza u l-imghaxijiet jghoddu mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tad-09 ta' Marzu, 2012 jithallsu skont l-istess kwoti fuq imsemmija u cioe` tlett kwarti mis-Socjeta' konvenuta Bonnici Brothers Limited u kwart mill-konvenuta Awtorita' ghat-Trasport f'Malta

**Dr Anna Mallia**

**Gudikant**